MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2007

Numru 2208/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Michael Mifsud u Michael Micallef**

**Il-Qorti**,

Regghet rat ir-rikorsi ta’ l-Avukat Generali tal-14 ta’ Awissu, 2007, li bihom huwa talab, li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-13 ta’ Awissu, 2007, li permezz tieghu z-zewg imputati Mifsud u Micallef gew moghtija il-helsien mill-arrest u minflok tordna l-arrest mill-gdid taz-zewg imputati.

Rat id-digriet precedenti taghha, tal-14 ta’ Awissu, 2007; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; rat l-

attijiet ta' l-istruttorja, limitatament ghall-finijiet tat-talba odjerna; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz; ikkunsidrat:

L-intimati Mifsud u Micallef jinsabu akkuzati b'sensiela ta' reati konsistenti f'serq ikkwalifikat, hsarat volontarji, ricettazzjoni, pussess ta' armi tan-nar cioe' senter isserrat kif ukoll, fil-kaz ta' Micallef, wahdu b'serq kwalifikat ta' flus kontanti, sekwestru ta' diversi persuni w pussess ta' arma tan-nar waqt li qed jikkommetti delitt.

Illi fit-13 ta' Awissu, 2007 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkordat il-liberta' provizzorja liz-zewg mputati taht diversi kundizzjonijiet fosthom dik li jaghmlu tajjeb ghall-beneficju mill-helsien mill-arrest b'garanzija personali ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000).

L-Avukat Generali qed jikkontendi li l-kundizzjonijiet m'humiex idonji bhala garanzija sabiex l-imputati joqghodu ghal kull att tal-procediment kif ukoll illi l-process ghadu fi stadju bikri u ghad hemm diversi xhieda pajzana li jridu jixhdu u ghalhekk il-biza ta' intracc huwa wiehed reali.

Ikkonsidrat

Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tosserva fid-digrieti taghha tat-13 ta' Settembru 2006 u 18 ta' Frar 2006 fl-ismijiet **Il-Puilizija v. Bernice Formosa et** u **Il-Pulizija v. Anthony Bugeja et** rispettivament, kif ukoll fid-digriet tal-24 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Josef Camilleri et**, il-proceduri ta' revizjoni taht is-subartikoli (9) tal-Artikolu 574A u (4A) tal-Artikolu 575 ma kienux certament intizi biex <u>f'kull kaz</u> ta' ghoti ta' helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti (il-Qorti Kriminali) toqghod tirrevedi kollox biex tara jekk hi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, <u>kienitx kieku tikkoncedi dak il-helsien mill-arrest</u> [1], u, f'kaz ta' risposta negattiva,

[1] S'intendi l-Artikolu 574A(9) jikkontempla wkoll l-ipotesi ta' helsien mill-arrest minghajr kondizzjoni, li pero` mhux il-kaz odjern.

tirrevoka dak il-helsien mill-arrest. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dik l-imsemmija procedura giet introdotta biex, jekk din il-Qorti taqbel ma’ l-Avukat Generali li l-Ewwel Qorti tkun ezercitat id-diskrezzjoni taghha b’mod evidentement zbaljat – sia jekk fuq bazi fattwali (ez. ma tkunx ikkunsidrat bizzejjed certi fatti jew cirkostanzi) u sia jekk fuq bazi legali (ez. uzu hazin tal-garanzija personali) – allura tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess mill-Qorti Inferjuri jew tvarja l-kundizzjonijiet li tahthom dak il-helsien mill-arrest ikun gie koncess. Fi kliem iehor, is-semplici fatt wahdu li din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li hija ma kienitx tikkoncedi l-helsien mill-arrest, jew li hija kienet kieku timponi kundizzjonijiet differenti minn dawk imposti mill-ewwel Qorti, m’ghandux iwassal necessarjament ghall-konsegwenza li din il-Qorti tirrevoka dak il-helsien mill-arrest jew tvarja dawk il-kundizzjonijiet. Wiehed jippresumi li l-Qorti Istruttorja tkun ghamlet ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha qabel ma tat il-helsien mill-arrest u qabel ma stabbiliet il-kundizzjonijiet tal-istess helsien. Pariment, meta l-Qorti tal-Magistrati tirrifjuta li taghti l-helsien mill-arrest – u ghandha taghti r-ragunijiet ghal tali rifjut, Art. 575(11) – din il-Qorti, jekk ma tkunx tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata fir-rifjut taghha, m’ghandhiex tvarja tali decizjoni. Kieku kien mod iehor, ikun ifisser li d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati f’din il-materja ta’ helsien mill-arrest jkunu kwazi ta’ natura aleatorja.

Din il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha, hi tal-fehma li meta l-Qorti Istruttorja akkordat il-helsien mill-arrest liz-zewg intimati odjerni taht diversi kundizzjonijiet, hija ezercitat id-diskrezzjoni taghha – hlief ghall-kwistjoni tal-garanzija personali, kif ser naraw – b’mod li ma jistax jinghad li hu manifestament zbaljat. Ghalhekk ma huwiex il-kaz li din il-Qorti tordna r-revoka tad-digriet imsemmi u tordna r-riarrest mill-gdid tal-imputati.

Fejn din il-Qorti hi tal-fehma li l-Ewwel Qorti ippekkat huwa fir-rigward tal-garanzija pekunjarja. A skans ta’ ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha tal-10 ta’ Marzu 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Abdilla et** ghar-rigward tal-

idoneita` o meno ta’ garanzija personali, anke jekk f’somma konsiderevoli. Tenut kont tan-natura tar-reati addebitati u tac-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz, din il-Qorti ma tarax li garanzija personali ta’ hamest elef lira tista’ serjament tiggarantixxi sija d-dehra tal-imputati ghall-procedimenti penali kif ukoll li l-istess imputati ma jintralcjawx altrimenti r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja fir-rigward tal-kaz kontrihom. Ghalkemm l-Avukat Generali talab ir-revoka totali tad-digriet tat-13 ta’ Awissu, 2007, u r-riarrest mill-gdid ta’ Mifsud u Micallef, din il-Qorti ghandha l-fakolta` -- kompriza u involuta f’dik tar-revoka -- li tilqa’ t-talba in parti biss, u dan billi tvarja xi kundizzjoni imposta f’dak id-digriet.

Konsegwentement din il-Qorti tiddisponi mir-rikors ta’ l-Avukat Generali billi thassar u tirrevoka biss l-kundizzjoni numru 8 tad-digrieti tat-13 ta’ Awissu, 2007, (liema kundizzjoni tghid: **Illi kemm Michael Mifsud kif ukoll Michael Micallef ghandhom jaghmlu tajjeb ghal-beneficcju tal-helsien mill-arrest *(sic!)* billi jaghmlu garanzija personali ta’ LM5000** u tissostitwiha bis-segwenti kundizzjoni:

**“8. Illi kull wiehed miz-zewg imputati rispettivament (cioe` Mifsud u Micallef) jaghmlu tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali billi jew kull wiehed minnhom jiddepozita taht l-awtorita` ta’ din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta’ hamest elf lira (Lm5,000) jew rahan li jiswa daqshekk, jew kull wiehed minnhom igib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta’ hamest elf lira (Lm5,000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erba' w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneità ta' tali plegg, u f’dan il-kaz din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti jew, jekk ikun il-kaz, mill-Qorti Istruttorja”**;

u tikkonferma l-bqija tad-digrieti rispettivi tat-13 ta’ Awissu, 2007.

Sadanitant l-imputati jibqghu taht arrest preventiv sakemm tingieb il-garanzija l-gdida hawn fuqhom imposta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------